## Qaddej Franġiskan

Hekk nafek għażiż Joe ħija
Dejjem taqdi fis-skiet lin-nies,
Ħafna faħħruk għall-għemilek
Mimli mħabba u kliem bil-qjies.

Niftakarhom dawk iż-żjajjar
Li kelli l-grazzja li nżurek,
Niftakarha l-kelma tiegħek
Li konna ngħidu ta' ħutek.

Għax f'qalbek baqgħet wisq tiddi
Dik il-fjamma Franġiskana,
Li mħabbitha lejn il-proxxmu
Tagħmilha vuċi ferħana.

Ngħożż f'qalbi t-tħeġġiġ minn tiegħek
Biex inħobb ħafna 'l San Franġisk,
Joe, fakkartni f'dak li qalli
Patri li riedli moħħi frisk.

Kien qalli: "It-tielet 'mħabba
Wara Ġesù u Marija,
Erfagħha biss għal Franġisku
Tkun qalbek bil-ferħ mimlija".

U wara tant snin ħabibi
Kellu l-Mulej ilaqqagħna,
Biex b'sempliċità tfakkarni
Dil-ġrajja li għadha magħna.

Il-ħlewwa u r-rispett tiegħek
Kull meta kont niġi nqarbnek,
Iseħħbuni fit-taqbida
U jfakkruni ħa nkun bħalek.

Li f'nofs it-twemmin li nħaddan
Għandi nħalli jaħdem 'l-Mulej,
Għax minnu kull ġieħ u barka
Fiz-żmien t'issa u ta' li ġej.

Mela ħalli nxammar idi
U nqatta' din ħajti maż-żgħir,
Li fil-persuna marida
Iridni ħdejh, issa, malajr.

Inħossha fuqi barkitek
Fit-tlajja' tagħmilni ferħan,

Inħoss talbek tant għalija
Int ħija, qaddej Franġiskan.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 t'Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Ispirtu s-Santu. Amen.